# Lectio Divina

Ir-Raba’ Ħadd tal-Għid (A)

Ġw 10, 1-10

**F’dak iż-żmien, Ġesù qal: «Tassew tassew ngħidilkom, min ma jidħolx fil-maqjel tan-nagħaġ mill-bieb imma jaqbeż ġewwa minn naħa oħra, dak hu ħalliel u brigant. Imma min jidħol mill-bieb hu r-ragħaj tan-nagħaġ.**

Il-kelmiet ta’ Ġesù jpoġġu minnufih f’oppożizzjoni *min ma jidħolx mill-bieb* u *min jidħol mill-bieb*, il-*ħalliel u brigant* u r-*ragħaj*. Huwa diskors ta’ *kunflitti* li jidħol dritt wara l-fejqan tar-raġel għami u l-kundanna lil Fariżej bħala dawk li huma għomja spiritwalment għax ma jagħrfux u ma jemmnux fl-Iben ta’ Alla (cf. *Ġw* 9, 35-41). Dritt wara d-diskors tiegħu fuq ir-ragħaj, jiġi konkluża d-diskussjoni fuq l-għama (cf. *Ġw* 10,19-21). B’din is-silta l-akkuża lill-Fariżej ta’ għama-dnub tiġi mfissra fid-dawl tal-kundanna profetika lill-kapijiet tal-Poplu li minflok jagħmlu ġustizzja lill-Iżrael jisfruttawh u jfaqrruh. L-immaġni tas-*sultan-ragħaj* tagħmel parti mill-patrimonju antik tal-Orjent u li nsibuha żviluppata fit-Testment il-Qadim, l-aktar fil-profeti li jużaw id-*dinja tar-ragħajja (pastorali)* biex jitkellmu mir-relazzjoni bejn Alla u l-poplu tiegħu (*S* 23/22; 80/79; *Is* 40, 10-11; *Ġer* 31,10), u anki mir-relazzjoni ta’ Alla mal-kapijiet (*Is* 56, 9-12; *Ġer* 23, 1-4; 25, 34-38; *Eżek* 34; *Żak* 11, 4-17). F’din is-silta din l-immaġni hija meħuda mill-ġdid u mfissra b’mod ġdid minn Ġesù, il-Messija mwiegħed, «ir-Ragħaj il-Kbir» (*1Pt* 5,2-4) li jfittex in-nagħġa l-mitlufa (cf. *Mt* 18,12-14; *Lq* 15,4-7). Fid-dawl tal-figura tar-*ragħaj it-tajjeb* (v.11) nistgħu nagħmlu eżami tal-kuxjenza dwar kemm qed niffurmaw qalbna bil-*perverżjonijiet* tal-brigant-ħalliel jew bil-*kwalitajiet* tar-ragħaj tan-nagħaġ.

**Min ikun mal-bieb lilu jiftaħ, in-nagħaġ minn leħnu jisimgħu, u hu jsejjaħ in-nagħaġ tiegħu waħda waħda b’isimhom u joħroġhom barra.**

Fi żmien Ġesù,  ir-ragħajja kienu jieħdu ħsieb il-merħliet tagħhom matul il-jum. Hekk kif joqrob il-lejl, ir-ragħajja kollha tal-inħawi kienu jieħdu n-nagħaġ f’maqjel kbir li kien iħarishom mill-briganti u l-lupi. Kien ikun hemm għassies li kien iħares in-nagħaġ matul il-lejl.

Filgħodu kien jiġi r-ragħaj u kien iħabbat il-bieb. Il-ħarries kien jiftaħlu u r-ragħaj kien isejjaħ lin-nagħaġ b'isimhom. In-nagħaġ kienu jagħrfu l-leħen tar-ragħaj tagħhom, kienu jqumu u joħorġu warajh lejn il-mergħat. Għalkemm in-nagħaġ tar-ragħajja l-oħrajn kienu jisimgħu l-vuċi, dawn kienu jibqgħu f'posthom għax ma kinux jagħrfu l-leħen. Meta xi drabi kien ikun hemm xi brigant jew ħalliel dan kien jiftaħ fetħa fil-ħajt tal-maqjel biex jidħol jisraq in-nagħaġ. Ma kinux jidħlu mill-bieb, għax kien ikun hemm l-għassies.

Ir-ragħaj huwa dak li jaf in-nagħaġ tiegħu b'isimhom. Hu mhuwiex biss dak li jħares u jmexxi n-nagħaġ tiegħu imma wkoll dak li *jgħix magħhom* il-jum kollu. Hu dak li jagħraf liema huma l-ħtiġijiet tal-merħla. Il-Mulej hu tabilħaqq ir-ragħaj tal-poplu tiegħu: «U intom, in-nagħaġ tiegħi, intom in-nagħaġ tal-mergħa tiegħi, jiena l-Mulej, Alla tagħkom, oraklu ta' Sidi l-Mulej.» (Eżek 34,31) Hu differenti mill-bqija tar-ragħajja tal-ġnus għax hu qatt ma jitlaq jew jittradixxi lill-bniedem għax "Alla jsegwi għemil idejh b'passjoni u b'ħila kbira f'kull fażi tal-ħajja. Hu qatt ma jitlaqna waħedna." (Papa Franġisku, Messaġġ Vokazzjonijiet 2014). Quddiem ir-ragħajja ħżiena, il-Mulej jagħżel li jkun hu stess li jirgħa l-poplu tiegħu, hekk li bħal Ġakobb kull bniedem jista' jistqarr: «Alla, ir-ragħaj tiegħi, sa minn tnissili sa llum» (*Ġen* 48,15). Il-Mulej hu r-ragħaj attent għal *kull* wieħed u waħda li hu jsejjaħ għal warajh: «Bħal ragħaj li jirgħa l-merħla tiegħu; bi driegħu jiġmagħha, u l-ħrief fi ħdanu jerfagħhom; u n-nagħaġ ireddgħu bil-mod imexxihom.» (*Is* 40,11). Ġesù huwa t-twettiq ta' dak li ħabbru l-profeti dwar il-prinċep li kellu jirgħa l-poplu fil-ġustizzja u s-sliem (cf. *Eżek* 34,23s). Hu t-tweġiba għall-għatx ta' poplu li m'għandux min jirgħa fuqu: «Ra n-nies u tħassarhom, għax kienu mdejjqa u mitluqa bħal nagħaġ bla ragħaj. Mbagħad qal lid-dixxipli tiegħu: "Il-ħsad huwa kbir, iżda l-ħaddiema ftit. Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu."» (*Mt* 9, 36-38).

**U meta joħroġ in-nagħaġ tiegħu, huwa jmur quddiemhom u n-nagħaġ jimxu warajh, għax jisimgħu leħnu. Imma wara wieħed barrani ma jimxux, anzi jaħarbu minnu, għax leħen barrani ma jafuhx.»**

It-tweġiba tan-nagħaġ għal-*leħen* hija li *jisimgħu* l-leħen, *jagħrfuh* u jimxu warajh (ἀκολουθέω). Ir-relazzjoni bejn l-Imgħallem u d-dixxiplu hija waħda ta' imħabba. Min iħobb jisma' «leħen il-maħbub» tiegħu (cf. *Għan* 2,8; 5,2): «U kull min iħobb il-verità jisma' leħni.» (*Ġw* 18, 37). Id-dixxiplu msejjaħ biex jagħraf li l-Mulej hu r-Ragħaj tiegħu u jsib fih is-sikurezzi

tiegħu: «Mqar jekk nimxi f'wied mudlam, ma nibżax mill-ħsara, għax inti miegħi. Il-ħatar tiegħek u l-għasluġ tiegħek, huma jwennsuni.» (*S* 23,4). Ta' kuljum aħna msejħin sabiex ma nkunux bħal għoġla rasna iebsa (cf. *Ħos* 4,16), iżda bħal nagħaġ inpoġġu ruħna f'dan l-atteġġjament ta' smigħ attiv: «Għaliex hu Alla tagħna, u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu. Mhux li kontu llum tisimgħu leħnu.» (*S* 95,7).

**Din il-parabbola qalhielhom Ġesù, iżda huma ma fehmux x'ried jgħidilhom biha.**

Dawk li ma jifhmux lil Ġesù huma sostanzjalment il-Fariżej. Dan huwa f'kuntrast mas-sintonija li hemm bejn ir-ragħaj u n-nagħaġ li tirrifletti l-għaqda bejn l-Iben u l-Missier: «Jiena r-ragħaj it-tajjeb; jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi, u n-nagħaġ tiegħi jagħrfu lili, bħalma l-Missier jagħraf lili u jiena nagħraf lill-Missier; u għan-nagħaġ tiegħi nagħti ħajti.» (*Ġw* 10, 14-15). Dan in-nuqqas ta' għarfien hu sintomu tad-dinja li ma tagħrafx lil Ġesù (*Ġw* 1,10; 7,27; 8,43.55; 16,3), il-bogħod mill-atteġġjament tad-dixxipli-nagħaġ li kapaċi jagħrfu leħnu (vv. 4-5). Mal-ewwel daqqa t'għajn din l-inkomprensjoni tidher stramba minħabba li l-figura tar-ragħaj kienet spiss użata fil-lingwaġġ bibliku biex tfisser ir-rabta bejn Alla u Iżrael. Li ma fehmux il-Fariżej hi r-rivelazzjoni ta' Ġesù bħala r-ragħaj li għandu l-missjoni li joħroġ in-nagħaġ 'il-barra mill-ħajt tat-Tempju u jiftaħ mogħdija ġdida mibnija fuq is-smigħ tal-kelma tiegħu (cf. *Ġw* 4,23-24) - il-kelma Griega αὐλή, apparti t-tifsira bħala «maqjel», hi l-istess terminu użat fit-Testment il-Qadim b'riferenza għall-btieħi tat-Tabernaklu u tat-Tempju ta' Ġeruslalemm.

**Għalhekk Ġesù reġa' qalilhom: «Tassew, tassew ngħidilkom li l-bieb tan-nagħaġ huwa jien.»**

Il-maħbub «joħroġ» lin-nagħaġ tiegħu lejn il-mergħat ta' dejjem. Il-festa storika tal-Għid tal-poplu ta' Iżrael għandha għeruq fil-festa agrikola tal-qamar ġdid tar-Rebbiegħa. Fl-eżodu tal-Poplu nsibu elementi tal-ħajja pastorali: ħatar, ilbies tal-vjaġġ (qaddejn imħażżma, qorq fir-riġlejn), ħobż ażżmu, ħaxix morr, ħaruf bl-ebda għadma mkissra (li kien meqjus mir-ragħajja bħala awgurju ta' tnissil u tkattir tal-merħla), id-demm imraxxax li kien jintuża bħala tip ta' eżorċiżmu kontra l-qawwiet tal-ħażen li setgħu jaħbtu fuq il-merħla waqt il-vjaġġ (cf. *Eż* 12). Fl-Għid tar-Rabta l-Ġdida, Kristu huwa r-Ragħaj u l-Għassies ta' ruħna (cf. *1Pt* 2,25) li jsir il-bieb tan-nagħaġ sabiex jimxu lejn «mergħat kollhom ħdura» (*S* 23,2) fejn hu stess isir hu stess ikel għalihom (cf. *Ġw* 6,10). "Ir-ragħaj veru huwa dak li jaf ukoll it-triq li tgħaddi mill-

wied tal-mewt; dak li saħansitra fuq it-triq tal-aħħar solitudni, li fiha ħadd ma jista' jseħibni, jimxi miegħi u jmexxini biex naqsamha: hu nnifsu mexa din it-triq, niżel is-saltna tal-mewt, rebaħha u reġa' ġie biex iseħibna issa u jaċċertana li, flimkien miegħu, nistgħu nsibu t-triq. L-għarfien li hu jeżisti u li sa jseħibni saħansitra sal-mewt u li l-«ħatar tiegħu u l-għasluġ tiegħu jwennsuni», u għalhekk «ma nibżax mill-ħsara» - din kienet it-*tama* l-ġdida li qamet fuq ħajjet dawk li jemmnu" (*Spe salvi*, 6).

**Dawk li ġew sa issa qabli huma ħallelin u briganti. Iżda n-nagħaġ lilhom ma semgħuhomx.**

Ġesù juri li l-medjazzjoni tiegħu hija differenti minn dik ta' oħrajn li kienu qablu. Hawn qed jirreferi għal dawk responsabbli mill-poter politiku u reliġjuż, fosthom il-Fariżej li magħhom qed isseħħ il-polemika wara l-fejqan tar-raġel għami. Il-fatt li huma ħallelin u briganti hu muri fir-rifjut tan-nies li jisimgħuhom u li issa qed jimxu wara Ġesù. Xi studjużi jaraw f'dawn il-kelmiet tal-vanġelu kritika mistura kontra l-kapijiet tal-komunitajiet Insara li kellhom l-istess atteġġjament tal-kapijiet tal-poplu Lhudi: «Jiena naf li, wara li nitlaq jien, jidħlu fostkom ilpup qalila li lill-merħla ma jaħfruhilhiex. U minn fostkom stess għad iqumu xi wħud li jgħallmu dak li hu kontra s-sewwa, bil-ħsieb li jdawwru d-dixxipli għal warajhom.» (*Atti* 20,29-30; *1Pt* 5,2-4; *Mt* 18,12-14).

**Jiena hu l-bieb; jekk xi ħadd jidħol ġewwa permezz tiegħi jsalva, u jidħol u joħroġ u jsib fejn jirgħa.**

Kristu dak li «jiftaħ it-triq» (*Mik* 2,12-13) għal għand il-Missier, il-Medjatur li permezz («διά») tiegħu l-bniedem isalva (cf. *Ġw* 3,17): «Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi.» (*Ġw* 14,6). Id-*dħul* u l-*ħruġ* tan-nagħaġ juri l-libertà tal-moviment tagħhom biex ifittxu l-mergħat, il-post tal-barka u tas-salvazzjoni (cf. *1 Kron* 4,40; *S* 74,1; 100,3), fejn hemm il-kenn tal-Ħaruf tas-salvazzjoni: «... dak li qiegħed fuq it-tron jeħodhom jgħammru taħt il-kenn tiegħu. Ma jbatux aktar ġuħ, anqas għatx ma jagħmel bihom aktar; ix-xemx ma taħkimhomx, u anqas ebda għomma, ladarba l-Ħaruf, li hemm f'nofs it-tron, ikun ir-ragħaj tagħhom; u hu jwassalhom ħdejn ilmijiet ta' l-għejun tal-ħajja. U Alla jixxuttalhom kull demgħa minn għajnejhom.» (*Apok* 7,15-17).

**Il-ħalliel ma jidħolx jekk mhux biex jisraq u joqtol u jeqred. Jiena ġejt biex ikollkom il-ħajja, u l-ħajja bil-kotra.**

Ġesù mhux biss jista' jagħti d-don tal-ħajja, imma hu stess il-ħajja («kellu l-ħajja fih» *Ġw* 1,4) u għalhekk jista' jagħtiha bl-abbundanza. Hu l-antiteżi tal-ħalliel għax ma ġiex biex jeqred imma biex ħadd minn dak li afdalu l-Missier ma jintilfu (cf. *Ġw* 18,9). Biex ħadd ma jinqered, miet hu għan-nagħaġ tiegħu kif jindikaw il-kelmiet profetiċi mlissna minn Kajfa: «jaqblilkom jekk imut bniedem wieħed għall-poplu u mhux jinqered il-ġens kollu.» (*Ġw* 11,50). Id-dixxiplu għandu jidħol fil-loġika tal-għotja sabiex ikun jista' jirgħa l-merħla ta' Alla afdata f'idejh. Xmun Pietru kien stqarr li lest jagħti ħajtu għall-Imgħallem biex imbagħad ċaħda tliet darbiet (cf. *Ġw* 13,37). Huwa biss fl-istqarrija tal-imħabba lil dak ir-Ragħaj it-Tajjeb "li kontinwament isejħilna lejh permezz tal-Kelma tiegħu biex inpoġġu l-fiduċja tagħna fih, u nħobbu lilu «b'qalbna kollha, b'moħħna kollu, u bil-qawwa tagħna kollha» (*Mk* 12,33)" (Papa Franġisku, *ibid.*) li aħna nistgħu nirċievu l-mandat: «Irgħa l-ħrief tiegħi.»; «Irgħa n-nagħaġ tiegħi.» (*Ġw* 21,15.16.17).

MEDITAZZJONI

Kemm hu l-Mulej ir-Ragħaj tiegħi? Kemm nipprova *nisma' leħnu u nimxi warajh?*

*Ejjew għalhekk* ***inħejju qlubna biex ikunu "art tajba",*** *billi nisimgħu, nilqgħu u ngħixu l-Kelma, u b'hekk nagħmlu l-frott. Aktar ma ngħaqqdu lilna nfusna ma' Ġesù permezz tat-****talb****, l-****Iskrittura Mqaddsa****, l-****Ewkaristija****, is-****Sagramenti*** *iċċelebrati u mgħixa fi ħdan il-Knisja u fi spirtu ta'* ***fraternità****, aktar se jikber fina l-gost li nikkoperaw ma' Alla fis-servizz tas-Saltna ta' ħniena u verità, ta' ġustizzja u paċi. U l-ħsad imbagħad ikun kotran, fi proporzjon mal-grazzja li b'qalb ħelwa nkunu għarafna nilqgħu f'ħajjitna.*

PAPA FRANĠISKU, Messaġġ għall-Jum il-Vokazzjonijiet 2014.